**24 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. *Prof. Dr.* A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuela Galea pr. et. ne.

*versus*

Paolo Gatt et.

**Danni — Offiżi fuq il-Persuna — Mewt — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Art. 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tiddisponi fis-sens illi, meta l-att li jagħti lok għad-danni jikkaġuna l-mewt tal-vittima, il-Qorti tista', barra mit-telf u spejjeż attwali kaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet danni bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem. L-ewwel xorta ta' danni huma kompendjożament u bi frażi tradizzjonali msejħin "Damnum Emergens"; it-tieni xorta bl-isem ta' "Lucrum Cessans".*

*Il-"Lucrum Cessans" għandu jiġi stabbilit mill-Qorti, wara li din tqies iċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u l-grad tal-inkapaċità kaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara; b'dan illi, meta l-ħsara ma tkunx ġiet kaġunata dolożament, is-somma stabbilita mill-Qorti ma tistax tkun iżjed minn £1200.*

*Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi pożittiva tagħna, li minnhom naturalment il-Qorti hi regolata, jidher sewwa li fil-każ ta' mewt kaġunata b'delitt jew kważi-delitt il-liġi ma takkordax ebda danni morali, ossija kumpens għad-dulur u s-sogħba li ssofri l-familja. Għad illi f'dawn il-każi hu wisq naturali li wieħed iħoss simpatija u jiddispjaċieh għat-telfa li s-superstiti jkunu ġarrbu, li bosta drabi ebda kumpens ta' flus ma jista' jtaffi jew ifarraġ, b'dan kollu wieħed ma jistax, fil-qies tad-danni li għandhom jitħallsu, iħalli ruħu li jkun influwenzat minn dawn il-konsiderazzjonijiet.*

*Lanqas ma għandhom jiġu akkordati dawn id-dann taħt aspett*

*jew funzjoni ta' piena kontra min ikkaġunahom; il-piena tinghata, jekk ghandha, f'ġurisdizzjoni oħra, imma ma tidħolx fil-kawża ċiv'li ghad-danni.*

*Però, wieħed ghandu jara, mill-banda l-oħra, illi l-liġi, biex tkun ġusta, ghandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-ħsara ghandu jkun, kemm jista' jkun, r'żarċit. Il-prinċipju hu li l-patrimonju tal-vittima ghandu jiġi, jekk jista' jkun, interament reintegrat; b'mod li l-eredi tal-mejjet jitqeghdu kemm jista' jkun fl-istess pożizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma ġratx; u ghalhekk hu suġġeribbli li l-awtorità kompetenti tara jekk ghandux jitneħħa l-minimum ta' £1200 li l-Qorti tista' taghti bħala danni meta l-ħsara ma tkunx ġiet kaġunata dolożament.*

*Fil-waqt li ma hemm xejn ħażin fih innifsu li ghar-rigward tal-ammont tal-'ndennizz issir, f'każi kongruwi, riferenza jew paragun ma' każijiet oħra, dawn il-fatti ghandhom rilevanza u importanza wisq relattiva; ghaliex il-Qorti trid tiddeċidi fuq il-każ "partikulari" li jkollha quddiemha, u kull każ jiddependi essenzjalment miċ-ċ'rkustanzi individwali tieghu.*

*F'l-każ preżenti, fejn l-Ewwel Qorti akkordat £1200 bħala danni lill-werrieta ta' persuna li mietet maqtula kolpożament minn karrozza, il-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kellha ebda eżitazzjoni tistabbilixxi li l-ammont tad-danni bl-ebda mod ma kellu jkun anqas m'll-maximum ta' £1200 stabbilit mill-liġi, u ghalhekk illikwidat f'din 's-somma l-ammont tad-danni favur il-werrieta tal-mejjet. U dan b'konferma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:- Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Taghħa r-Reġina, li bih l-attriċi proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, peress illi fit-3 ta' Mejju 1965 il-konvenut, waqt li kien qieghed isuq motor van numru 1694 f'St Joseph's High Road, Ħamrun, minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' motor-cycle numru 8187 misjuq minn Michael Galea, u b'hekk ikkaġuna l-mewt

tal-istess Michael Galea; premess li l-imsemmi Michael Galea ħalla superstiti lill- attriċi martu u lill-uliedu minorenni Carmela, Louis u Joseph, aħwa Galea, minnha rappreżentati, li għandhom id-dritt jiġu ndennizzati għad-danni u telf ta' qliegħ kaġunat bil-mewt tal-istess Michael Galea, kif jirriżulta fil-kawża; talbet li l-Konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni u telf ta' qliegħ fuq riferiti, kaġunati bil-mewt tal-imsemmi Michael Galea, u li jiġi kundannat iħallas lill-attriċi proprio et nomine somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi, għall-imsemmi telf ta' qliegħ. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Novembru 1957, li bih Alfred Formosa, bħala aġent tal-"Atlas Assurance Co. Ltd.", ġie ammess fil-kawża "in statu et terminis";

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Mejju 1958; li biha, fil-waqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paolo Gatt, laqgħet it-talbiet tal-attriċi, billi ddikjarat illi l-istess konvenut huwa responsabbli minħabba f'imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, għad-danni konsegwenzjali kaġunati minnu lill-attriċi proprio et nomine, bl-ispejjeż ta' dik id-dikjarazzjoni kontra l-konvenut, li għandhom jiġu taxxati bħala każ ta' ammissjoni; illikwidat l-istess danni fl-ammont ta' elf u mitejn lira (£1200); u kkundannat lill-konvenut Gatt iħallas lill-attriċi ammont ekwivalenti, bl-interessi legali mid-data tas-sentenza, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, li kwantu għal £1000 għandhom jiġu taxxati bħala każ ta' ammissjoni; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

F'din il-kawża l-konvenut qiegħed jammetti r-responsabilità tiegħu mħabba f'imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, għall-mewt ta' Michele Galea, żewġ l-attriċi u missier il-minuri Carmela, Louis u Joseph, aħwa Galea, li ġrat fit-3 ta' Mejju 1955;

B'ċedola tat-12 ta' Lulju 1956, ġiet depożitata favur l-attriċi taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, mill "Atlas Assurance Company", is-somma ta' *elf lira* (£1000) bħala riżarċiment għad-danni kaġunati mill-konvenut, barra dawk kaġunati fil-motor cycle invo'ut fil-fatt, li tagħhom l-attriċi kienet tħallset;

Il-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti hija jekk is-somma ta' £1000 tirrappreżentax riżarċiment adegwat fit-termini tal-art. 1089 tal-Kodiċi Ċivili, fejn hu dispost, b'riferenza għall-artikolu ta' qabel, li fil-każ ta' mewt li ma tkunx kaġunata dolożament il-Qorti tista' tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni f'somma li ma tkunx iżjed minn £1200, wara li tqies iċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u grad ta' inkapaċità kaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;

Mill-provi li għalihom saret riferenza jirriżulta li l-konvenut ikkaġuna l-mewt ta' Michele Galea, billi fit-3 ta' Mejju 1955 kien isuq motor van minn naħa ħażina tat-trieq bis-"side lamps" biss mixgħula meta kien għadu ma sebaħx, u, mingħajr lanqas ma applika l-brake, baqa' dieħel fuq Galea, li kien isuq motor-cycle fid-direzzjoni opposta tat-trieq. Il-konvenut kien isuq mingħajr nuċċali, meta l-vista tiegħu hija tant ħażina li ma jistax isuq, għax mhux kapaċi jiġġudika d-distanzi, skond ma ddepona fil-proċess kriminali l-okulista Professur D'Amato (fol. 32);

Għalhekk, il-ħtija tal-konvenut kienet gravi ħafna. Minħabba fid-difett tal-vista, huwa ma kienx fil-pożizzjoni li jissinkronizza l-movimenti tiegħu ma' dawk ta' Galea għax ma kienx jista' jikkalkula d-distanzi, u lanqas ma kellu l-ajjut tad-dawl tat-truck, billi kien isuq fuq is-"side lamps", li l-funzjoni tagħhom hija ta "parking lights";

Galea miet ta' 47 sena, u rriżulta mill-awtopsja fil-kawża kriminali li huwa kien b'saħħtu u fi stat ta' nutrizzjoni eċċellenti. Skond il-"Life Tables" tal-"United Nations Demographic Year Book 1956", l-"expectation of life" f'dawn il-Gżejjer, għall-irġiel ta' 45 sena hija ta' snin 26.45, u għal dawk ta' 50 sena hija ta' snin 22.36. Huwa għalhekk preżumibbli li Galea kien normalment jgħix mal-24 sena oħra,

speċjalment meta jitqies l-avvanz tax-xjenza medika u l-*miljormenti tal*-klassi soċjali li għaliha hu kien jippartjeni;

*Galea* kien bombardier fir-Royal Malta Artillery, u kellu salarju ta' £7. 14. 4d fil ġimgħa, kompriżi fih il-"marriage" u "*ration allowance*", peress li ma kienx jiekol fil-kwartier. Meta miet, fit-3 ta' Mejju 1955, kien fadallu 83 ġurnata biex jikkwalifika *għall*-pensjoni ta' £1. 17. 7d fil-ġimgħa u għal "terminal grant" f'daqqa ta' £177 (fol. 15, 33). L-attriċi xehdet *(fol. 31) li* Galea kien anki jaħdem ta' arluġġjar, u minn dan ix-xogħol kien jagħtiha lira jew tnejn, u xi drabi anki *tliet liri, kull ħ*mistax il-ġurnata. Kien jagħtiha għall-ikel biss £5 fil-ġimgħa, mentri għall-kera u bżonnijiet oħra *kien jaħseb hu*. Ħalla depożitu ta' £200 fil-Barclay's Bank, li minnhom l-attriċi diġà nefqet £50. Hija xehdet (fol. 39) *li Galea kien* jgħidilha li, meta jispiċċa mis-servizz, il-Militar kien ser jimpjegah Kastilja, u illi bil-paga li kien ikollu *kien jiġi ftit* aħjar milli bħala bumbarder;

*L-attriċi* għandha 52 sena, u t-tfal għandhom 13 il-sena, tnax u tmien snin. It-tifel iż-żgħir hu marid, u għandu bżonn ta' *trattament* speċjali sakemm jilħaq l-iżvilupp tiegħu. L-attriċi tħallas 15s. kera fix-xahar;

Fil-ġurisprudenza estera ġew adottati varji kriterji għad-determinazzjoni tal-*ammont* tad-danni f'każijiet bħal dan, dejjem bil-konsiderazzjoni, però, li l-liġi relattiva ma tistabbilixxix limiti massimu, għall-kuntrarju tal-Liġi Maltija. Għall-finijiet ta' dil-kawża din il-Qorti tqies illi, kieku Galea baqa' ħaj, fi żmien 83 *ġurnata* kien jibda jirċievi pensjoni ta' £1. 17. 7d fil-ġimgħa, li tammonta għal-£97. 14. 4d fis-sena. Kieku din is-somma kellha takkumula ruħha mingħajr interessi fi tliettax il-sena kienet tammonta għal £1270. 6. 4d, u hekk *kienet* tissupera s-somma massima li tagħti l-liġi. Minbarra l-pensjoni, però, Galea kien jirċievi f'daqqa bħala "terminal *grant*" is-somma ta' £177. Preżumibbilment kien jibqa' jaħdem ta' arluġġar u jkompli jagħti lill-attriċi minn £1 sa £3 kull ħmistax il-ġurnata; u jekk ma kienx jiġi mpjegat Kastilja bħala "ex-service man", kunsidrata l-età u l-kondizzjoni tajba ta' saħħtu, huwa ferm preżumibbli li kien isib jaħdem b'salarju adegwat għall-bżonnijiet tal-familja;

F'din il-materja, kull każ għandu jiġi nkwadrat fiċ-ċirkustanzi partikulari tiegħu, bil-kriterji li l-liġi stabbiliet. L-iskop tal-liġi ovvjament huwa illi, purlimitatament, jingħata kumpens finanzjarju lis-superstiti, biex ikunu jistgħu b'xi mod jaffrontaw id-diffikultajiet ekonomiċi li l-mewt iġġib magħha. Hemm każi li ma jintitolawx għall-massimu tad-danni li tagħti l-liġi, imma hemm ukoll oħrajn illi, kieku ma kienx għall-limitazzjoni tal-liġi, kien ikun jisthoqqilhom kumpens ħafna superjuri għal dak stabbilit mill-liġi. U l-fatt li għal dawn l-aħħar każi ma jistax jingħata kumpens superjuri għall-limiti legali ma jġibx għall-konsegwenza li l-każijiet l-oħra, anqas pjetużi, għandhom jiġu mićħuda mill-ammont massimu, meta l-aspett tal-fatt jissuġġerixxi dan l-ammont. Dan mhuwiex konkors fuq somma waħda, imma hija biss kwistjoni dwar liema ammont, fill-limiti massimu tal-liġi, jisthoqqlu l-każ konkret fl-inkwadratura tal-partikularitajiet tiegħu skond il- kriterji li l-liġi tindika;

Id-difensur tal-konvenut issottometta illi l-għoti f'dal-każ tas-somma massima jista' jippreġudika l-interessi tal-kumpannija assikuratriċi, li fid-determinazzjoni tal-"premium" tkun qieset l-ammont li f'każi oħra ġie stabbilit minn dawn il-Qrati. Kull każ, però, għandu l-fattezzi propriji, u l-Qorti hija msejħa biss biex tiddetermina l-kumpens li jisthoqqlu l-każ preżenti, u kull rifless li d-determinazzjoni tagħha jista' jkollha dwar il-"premium" tal-assikurazzjoni huwa estraneu għall-kwistjoni preżenti;

B'konsiderazzjoni, għalhekk, għall-premess, u meqjusa anki l-età żgħira tat-tfal u l-bżonnijiet tagħhom, u illi l-attriċi fl-età tagħha, mara ta' korporatura peżanti, bil-bżonn tal-preżenza tagħha kontinwa fid-dar, mhux probabbli li hija timpjega ruħha, u illi Galea kien l-uniku sostenn ekonomiku tal-familja, huwa ġust li d-danni jiġu riżarċiti fl-ammont ta' £1200, avvolja dan l-ammont sejjer jitħallas f'daqqa, u li kieku Galea baqa' ħaj, kien jikkonverti parti mill-qliegħ tiegħu għalieħ innifsu;

Il-konvenut issottometta li l-ewwel talba hija żejda, peress li huwa diġà ammetta r-responsabilità tiegħu għad-danni. Id-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenut,

però, hija l-bażi għall-kundanna tiegħu għar-riżarċiment tad-danni; għalkemm il-kumpannija assikuratriċi tal-konvenut iddepożitat favur l-attriċi s-somma ta' £1000 fil-kawża tal-Pulizija, li għaliha saret riferenza, il-konvenut ikkontenda fix-xhieda tiegħu li t-tort għall-fatt kien kollu ta' Galea; u seta' jagħti l-każ li, wara li l-attriċi rrifjutat l-offerta u għamlet dil-kawża, il-konvenut kien jikkontesta r-responsabilità tiegħu, jew javanza xi kontributorja da parti ta' Galea. Għalhekk, l-ewwel talba tal-attriċi ma kienetx żejda;

Rat in-nota li biha Paolo Gatt u Alfred Formosa, bħala aġent tal-"Atlas Assurance Co. Ltd.", sija bħala terz interessat fis-sens tas-subart. 234 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sija bħala intervenut "in statu et terminis", appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu illi l-istess sentenza tiġi *riformata*, fis-sens li tiġi konfermata in kwantu ddikjarat lill-konvenut Gatt responsabbli, minħabba imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, għad-danni konsegwenzjali kaġunati minnu lill-attriċi proprio et nomine, bl-ispejjeż ta' dik id-dikjarazzjoni kontra l-konvenut, li għandhom jiġu taxxati bħala każ ta' ammissjoni, u tiġi riformata in kwantu llikwidat l-istess danni fl-ammont ta' £1200, u kkundannat lill-konvenut Gatt iħallas lill-attriċi ammont ekwivalenti bl-interessi mid-data tas-sentenza, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, li kwantu għal £1000 għandhom jiġu taxxati bħala każ ta' ammissjoni, billi jiġi minflok deċiż illi s-somma ta' £1000 hija ndennizz ġust u adegwat, u billi għalhekk jiġi revokat il-kap tal-ispejjeż relattiv għall-likwidazzjoni u kundanna għad-danni, u jiġi minflok deċiż li dawn l-ispejjeż, in vista tad-depożitu li jekwivali għal pagament, jiġu sopportati mill-attriċi proprio et nomine; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attriċi proprio et nomine;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi limitata għall-

"quantum" tad-danni li għandhom jiġu akkordati lill-attriċi proprio et nomine. Li l-konvenut Gatt kien responsabbli, minħabba *kolpa, għall-mewt ta' Michele Galea,* u kwindi responsabbli għall-ħlas tad-danni, ġie ammess mill-ewwel fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, u issa ġie dikjarat fis-sentenza appellata, li, kwantu għal dak il-kap, l-appellanti stess fil-petizzjoni tagħhom qegħdin jitolbu li tiġi konfermata;

L-ilment tal-appellanti huwa biss illi l-ammont ta' £1200 likwidat mill-Ewwel Qorti hu eċċessiv. Huma jid-hrilhom illi s-somma li sa minn qabel il-kawża kienet ġiet *offerta lill-attriċi, dik ċjoè ta' £1000, u ġiet anki saħansitra* depożitata favur tagħha taħt l-awtorità tal-Qorti, hi biż-żejjed. Fil-petizzjoni anzi jingħad li s-somma hekk offerta hija "altru li ġusta u ġeneruża";

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 1089 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, meta l-att li jagħti lok għan-danni jikkaġuna l-mewt tal-vittima, il-Qorti tista', barra mit-telf u spejjeż attwali kaġunati, *tagħti lill-werrieta tal-mejjet danni bħal fil-każ ta' inkapa-ċità* totali għal dejjem skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 1088. Fil-każ preżenti ma hemm ebda kwistjoni fuq telf u spejjeż attwali, jew, kif jissejħu kompendjożament bi frażi tradizzjonali, "damnum emergens". Dawn ġew diġà, barra l-kawża, likwidati u kwittati bejn il-partijiet. Il-kwistjoni hi biss fuq "it-telf ta' qliegħ jew paga" għall-futur — dak li jissejjaħ "lucrum cessans". Dan, skond l-imsemmi artikolu 1088, għandu jiġi stabbilit mill-Qorti wara li tqies iċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u l-grad *tal-inkapaċità kaġunata* u *l-kondizzjoni tal-parti li* tbati l-ħsara, b'dan illi, meta l-ħsara ma tkunx ġiet kaġunata dolożament, is-somma stabbilita mill-Qorti ma għand-hiex tkun iżjed minn £1200;

Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi pożittiva tagħna, li minnhom naturalment il-Qorti hi regolata, jidher sewwa dak li rrileva waqt it-trattazzjoni l-avukat tal-konvenut Gatt, ċjoè illi, fil-każ ta' mewt kaġunata b'delitt jew kważi-delitt, il-liġi ma takkorda ebda danni morali, ossija

kumpens għad-dulur u s-sogħba li ssofri l-familja. Għad illi f'dawn il-każijiet huwa wisq naturali illi wieħed iħoss simpatija u jiddispjaċieh għat-telfa li s-superstiti jkunu ġarrbu, li bosta drabi ebda kumpens ta' flus ma jista' jtaffi jew ifarraġ, b'dana kollu wieħed ma jistax, fil-qies tad-danni li għandhom jitħallsu, iħalli ruħu li jkun influwenzat minn dawn il-konsiderazzjonijiet. Jgħodd għalina f'dan ir-rigward dak li qal fl-Ingilterra Lord Wright fil-kawża "Davies vs. Powell Duffryn Associated Collieries Ltd.". 1942 L.A.C. 601, 617:— "There is no question here of what may be called sentimental damage, bereavement, or pain and suffering. It is a hard matter of pounds, shillings and pence, subject to the element of reasonable future probabilities";

Id-danni li għandhom jiġu akkordati lanqas għandhom ebda aspett jew funzjoni ta' piena kontra min ikkaġuna l-ħsara. Il-piena tingħata, jekk għandha, f'ġurisdizzjoni oħra, imma ma tidħolx fil-kawża ċivili għall-ħlas tad-danni;

Però, mill-banda l-oħra, il-liġi, biex tkun ġusta, għandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-ħsara għandu jkun, kemm jista' jkun, pjenament riżarċit. Il-prinċipju hu li l-patrimonju tal-vittima tal-ħsara għandu jiġi, jekk jista' jkun, interament reintegrat. Għalhekk il-liġi, barra l-kumpens għat-telf attwali għal spejjeż effettivament inkorsi, u għat-telf attwali ta' qliegħ jew paga, liema elementi ta' danni mhumiex f'dan il-każ. kif ġa ntqal, in kwistjoni, tagħti wkoll kumpens fil-każ ta' mewt għat-telf ta' paga jew qliegħ futur. L-eredi tal-mejjet — f'liġijiet oħra d-"dipendenti" tiegħu — għandhom, kemm jista' jkun jitqegħdu fl-istess pożizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma ġratx;

Il-liġi tagħna, kif ġa ntqal, meta l-ħsara ma tkunx ġiet kaġunata dolożament, tiffissa massimu ta' £1200 li jista' jingħata bħala ndennizz għal dan it-telf ta' paga jew qliegħ futur. Din il-Qorti, mhilux. kellha okkażjoni, fil-kawża "Cini vs. Galea" (27 ta' Ottubru 1958), tikkommenta fuq din il-pekuljarità tal-liġi tagħna, li tista' faċilment tikkaġuna "hardship" u nġustizzja, billi tirrestrinġi

lill-Qrati milli jakkordaw il-kumpens li "realment" ikun jistħoqq fil-każ konkret, *hu x'inhu* l-ammont; u l-Qorti ssuġġeriet li l-awtorità kompetenti tikkunsidra jekk il-"*maximum*" għandux jitneħħa;

Intant, bil-liġi kif inhi il-Qorti għandha tara jekk fil-każ preżenti s-somma ta' £1000 offerta mill-appellanti hi-jiex kumpens adegwat biex jirriżarċixxi t-telf li ġie soffert mill-eredi tal-mejjet għall-paga u qliegħ futur li dan probabbilment kien jagħmel kieku ma ġiex kolpożament maqtul;

Il-pretensjoni tal-appellanti li l-offerta tagħhom kienet ġusta, anżi ġeneruża, hi bażata prinċipalment, kif jidher mill-*petizzjoni* tagħhom, fuq il-fatt illi f'kawża oħra, ċjoè dik "Fenech vs. Galea", deċiża fid-9 ta' Marzu 1956, li fiha, kif jgħidu l-appellanti, "kien hemm ċirkustanzi aktar qawwija in relazzjoni għall-entità tal-indennizz", is-somma tad-danni akkordata minn din il-Qorti kienet biss ta' £1000;

Issa, fil-waqt li ma hemm xejn ħażin fih innifsu li għar-rigward tal-ammont tal-indenniz issir, f'każijiet kongruwi, riferenza jew paragun ma' każijiet oħra, dawn fil-fatt għandhom rilevanza u importanza wisq relattiva; u dan għaliex il-Qorti trid tiddeċidi fuq il-każ "partikulari" li jkollha quddiemha, u kull każ jiddependi essenzjalment miċ-ċirkustanzi individwali tiegħu. Fil-Qrati Ingliżi ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża "Waldon vs. War Office", "that a judge was entitled to hear reference to previous decided cases to show the amounts which had been awarded by other judges in similar cases, but that *it was entirely within the judge's discretion whether he* would permit such reference or not". Parker L.J. f'dik il-kawża kien osserva "that counsel can be trusted only to refer to other cases very sparingly, bearing in mind that each case depends upon its own facts, and only rarely can another case be of real assistance to the judge." U Singleton L.J. qal:— "The danger of such material is that it is apt to take the mind of the tribunal from the particular facts of the case on which it is to give a decision . . . The judge realises hat his task is to assess damages in the particular case before him, and upon the evidence before

him, and upon nothing else" (ara Kemp & Kemp, "The Quantum of Damages", Vol. 2, pp. 166-169). Għad illi hija ħaġa deżiderabbli li jkun hemm fit-trattament tad-diversi każi ċerta uniformità ta' "kriterji direttivi", ma jista' qatt, però, ikun hemm standardizzazzjoni ta' ammonti;

Fl-istess sentenza ta' din il-Qorti li nvokaw l-appellanti bħala terminu ta' paragun, intqal, wisq ġustament, dak li del resto din il-Qorti kienet qalet anki f'sentenzi preċedenti, illi f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli; ma hemmx "quantitative scale" tad-danni; għax kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti fill-limiti (f'każ ta' ħsara mhux doložament kaġunata) stabbilit mill-liġi (Appell Ċivili "Fenech vs. Galea", 9 ta' Marzu 1956);

Din il-Qorti, għalhekk, ma tħossx li għandha tokkupa ruħha f'raffront dettaljat mal-każ invokat mill-appellanti, jew ma' każijiet oħra partikulari, bħal per eżempju dak fl-ismijiet "Callus vs. Zammit" deċiż *minn din il-Qorti fl-20* ta' Jannar 1956, fejn l-ammont likwidat kien ta' £1060 (għad illi jista' jidher illi ċ-ċirkustanzi għal dik li hija dipendenza għall-għajxien mill-qliegħ tal-mejjet kienu wisq "anqas qawwija" mill-każ preżenti), jew dak ferm aktar reċenti fl-ismijiet "Cini vs. Galea" ġa fuq imsemmi, fejn l-ammont likwidat kien *£1200* u *bil-komment fuq* il-massimu legali li għamlet il-Qorti kif ġa ntqal aktar il-fuq. F"kull każ l-ammont likwidat kien dak li l-Qorti ħasset li kien ġust u xieraq fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikulari;

Fil-każ preżenti, din il-Qorti ma għandha ebda eżitazzjoni li taqbel mal-Ewwel Qorti illi s-somma tad-danni ma għandhiex tkun anqas mill-massimu li tippermetti l-liġi. Iċ-ċirkustanzi tal-każ huma dettaljatament riportati fissentenza appellata, u din il-Qorti taqbel mal-apprezzament tagħhom li sar mill-Ewwel Qorti. *Il-Qorti mhix* titlef di vista l-fatt, rilevat mill-appellanti fit-trattazzjoni, li l-ammont ser jitħallas f'daqqa f'somma kapitali. Imma l-ewwelnett *il-Qorti ma tafx* x' "commitments" fuq dawn il-flus l-attriċi *proprio et nomine* setgħet ġa kienet kostretta li tinkorri għall-ħajja mid-data tal-mewt ta' żewġha li kien

l-uniku sostenn tal-familja, u li ġrat kważi tliet snin u nofs ilu. Mill-banda l-oħra, jidher ċar illi l-omm u t-tfal għal li ġej iridu jgħixu minn dik is-somma li tifdal u li, għalhekk, ma tkunx tista' tibqa' ntatta biex tipproduċi mgħax. Fi kwalunkwe każ, anki bl-imgħax b'kollox, li jistgħu jiġu lukrati, l-ammont totali xejn affattu ma jkun sproporzjonat għad-dannu soffert mill-attriċi proprio et nomine bit-telfa ta' żewġha. Biżżejjed wieħed josserva illi l-ammont ta' pensjoni (kważi £100 fis-sena) li hu kien jirċievi kieku għex iż-żmien tal-"expectation of life" li kellu meta miet, "waħdu biss", ċjoè mingħajr ma jitqies xejn dak kollu li probabbilment kien jaqla' minn xogħol privat li kien jagħmel, jew minn impieg li bħala "ex service man" seta' probabbilment jiġi mogħti, huwa bil-bosta superjuri għal £1200;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll kontra l-appellanti.